IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 10-2020(04_03_2020) – Laqgħa b'urġenza**

**4 ta' Marzu 2020**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-11.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Kimberly Spiteri - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

10.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**10.2 Il-Proċess għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

10.2.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill bagħat ir-riżenja tiegħu u li din ir-riżenja ġiet aċċettata mid-Direttur, (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport). Għaldaqstant, il-pass li jmiss huwa li jiskatta l-proċess għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid. Dan ifisser li l-Kunsill irid jimxi mal-linji gwida għal ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Lokali kif maħruġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-Kunsill għadda sabiex jinħatar il-bord tal-għażla li jrid jimxi mal-linji gwida u mal-kriterji stabbiliti mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Ġie deċiż li l-bord ikun magħmul miċ-*Chairperson* is-Sur William Sultana u żewġ membri: is-Sur Daniel Galea u s-Sinjura Lucienne Haber. Peress li ser ikun hemm bżonn ta' persuna bħala Segretarju ser isir avviż lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn tiġi maħtura persuna li jkollha l-fiduċja tad-Dipartiment u l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Ġie deċiż li l-Kunsill jipproponi lis-Sur George Refalo li huwa preżentament Segretarju Eżekuttiv mar-Reġjun Għawdex. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv iddikjarat li mhux ser tkun fil-bord sabiex ma jxekkilx milli titfa' l-applikazzjoni tagħha għal dan il-post.

L-avviż għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv ser jiġi ppubblikat fuq il-Gazzetta tal-Gvern fil-ħarġa li jmiss u anke ser tintbagħat *e-mail* lill-Kunsilli Lokali kollha u Kumitati Reġjonali u persuni li kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi.

**10.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

10.3.1 Il-laqgħa aġġornat fil-11.15 ta' filgħodu. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 26 ta' Marzu 2020 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Kimberly Spiteri
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 11-2020(26_03_2020) li nżammet nhar il-Ħamis, 26 ta' Marzu 2020.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku